

Brussell, 23 ta' April 2026  
(OR. en)

8434/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0183 (NLE)

---

---

POLCOM 145  
WTO 55  
AGRI 293  
UD 105  
UK 86

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	10841/23 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994, relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea <i>- Adozzjoni</i>

---

1. Fid-19 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar<sup>1</sup>, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994, relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni<sup>2</sup> ta' dak il-Ftehim.

---

<sup>1</sup> ST 10840/23 + ADD 1

<sup>2</sup> ST 10841/23 + ADD 1

2. Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar<sup>3</sup> tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 10844/23, flimkien mal-Ftehim innifsu<sup>4</sup>, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb ta' thejjiġa għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ġie ffirmat fis-17 ta' Ottubru 2025.
4. Fis-26 ta' Marzu 2026, il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
5. Fit-23 ta' April 2026, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
6. Fid-dawl ta' dan, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill mistieden:
  - jadotta, bħala punt "A" fl-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 10844/23; u
  - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

---

<sup>3</sup> ST 10843/23 (ippubblikat f'ĠU L 182, 19.7.2023, p. 82)

<sup>4</sup> ST 10845/23